# Għoti tal-Ministeru ta' l-Akkolitat lil tliet Seminaristi

Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, żejjen tliet żgħażagħ bil-Ministeru ta' l-Akkolitat. Il-funzjoni saret fil-Bażilika ta' Marija Bambina fil-Parroċċa tax-Xagħra u dan bir-raġun għaliex Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard Farrugia, iż-żgħażagħ involuti, huma kollha mix-Xagħra. Il-ġenituri tagħhom, familjari u ħbieb kienu minn ta' quddiem fost il-kongregazzjoni li mliet il-Bażilika biex tattendi għall-funzjoni.

Flimkien ma' l-Eċċellenza Tiegħu, ikkonċelebraw Mons Carmelo Refalo, Arċipriet tax-Xagħra ; il-Kanonku Onorarju Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù; saċerdoti oħra mis-Seminarju u membri tal-Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa.



*L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech flimkien (mix-xellug għal-lemin) mas-Seminarista Anthony Bajada, Dun Joseph Bajada (viċi-rettur tas-Seminarju), Dun Daniel Xerri (rettur), Dun Joseph Farrugia (direttur spiritwali), u s-seminaristi Joseph Curmi u Richard N. Farrugia.*

Fl-omelija tiegħu Mons Isqof stieden lill-Knisja f'Għawdex biex tifraħ, " …kif tħeġġiġna l-istess Liturġija tat-tielet Ħadd ta' l-Avvent, għaliex dawn iż-żgħazagħ qed iwieġbu bil-ħajja tagħhom għall-mistoqsija ta' ħafna nies illum: Ġesù huwa tabilħaqq is-Salvatur jew le?

"Din il-mistoqsija bagħat jagħmilha Ġwanni l-Battista mill-ħabs lil Ġesù permezz tad-dixxipli tiegħu, kif jgħidilna l-vanġelu tat-tielet Ħadd ta' l-Avvent. Hija l-mistoqsija li kull bniedem ikompli jagħmel f'kull żmien, f'xi waqt partikulari ta' ħajtu."

Dawn it-tliet żgħażagħ, kompla jgħid Mons Isqof, huma bħal dawk id-dixxipli tal-Battista li jwasslu din il-mistoqsija tal-bniedem għand Ġesù, biex imbagħad iwasslu lill-istess bniedem it-tweġiba ta' Ġesù. Din it-tweġiba jistgħu iwassluha biss wara li huma stess ikunu ltaqgħu ma' Ġesù u għamlu l-esperjenza tiegħu. Hekk jgħidilhom fil-fatt Ġesù lid-dixxipli tal-Battista: "Morru u agħtu l-aħbar lil Ġwanni dwar dak li smajtu u rajtu".

L-Akkolitat se joffri lil dawn iż-żgħażagħ l-opportunità li jiltaqgħu ma' Ġesù aktar mill-qrib fl-Ewkaristija. Mons Isqof għalhekk ħeġġiġhom biex jidħlu aktar fil-fond tal-Misteru ta' Kristu li issa se jkollhom f'idejhom u jfasslu ħajjithom fuqu ħalli jkunu jistgħu mbagħad jaqsmuh ma' ħuthom, l-aktar dawk li huma fil-bżonn.

Il-mument mistenni wasal meta t-tliet Seminaristi niżlu għarkubtejhom quddiem l-Isqof waqt li huwa talab fuqhom u mbagħad, wieħed wara l-ieħor, telgħu quddiemu u għarkubtejhom miegħu żammew il-kalċi. Dan kien ir-rit ta' l-għoti tal-ministeru ta' l-Akkolitat li permezz tiegħu l-akkolti l-ġodda issa setgħu jamministraw is-sagrament tat-Tqarbin, jgħinu lis-saċerdot fil-quddiesa u jesponu l-Ewkaristija Mqaddsa għall-adorazzjoni tal-fidili.

Daniel Sultana kien animatur waqt li l-kant kien animat minn Kor magħmul mill-membri tal-Kor ta' l-Abbatini u membri minn korijiet oħra tax-Xagħra.



Anthony Bajada, jidher jirċievi minn idejn Mons. Isqof Mario Grech il-kalċi, simbolu tal-Ministeru ġdid tiegħu.

# Radju Lauretana jiftaħ il-bibien għal kulħadd

Mijiet ta' Għajnselmiżi u diversi Għawdxin oħra, nhar l-ewwel tas-sena 2008, żaru l-*istudio* ta' Radju Lauretana, ir-Radju tal-Komunità Parrokkjali t'Għajnsielem, sabiex jaraw l-apparat li nxtara bl-offerti tagħhom stess kif ukoll jagħtu l-awguri tas-Sena l-Ġdida lil nieshom, b'mod speċjali dawk emigrati fl-Awstralja u l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Matul din il-ġurnata aktar minn €1850 ingħataw bħala donazzjonijiet mill-pubbliku li żar l-*istudio*, liema flus ser jintużaw sabiex jiġi irranġat l-*istudio* u b'hekk jkun jista' jsir titjib fil-kwalità tat-trażmissjoni.



*Dehriet waqt il-ġurnata tal-ftuħ tal-bibien għall-pubbliku tar-Radju Lauretana. Jidhru fost oħrajn mix-xellug: Lelio Spiteri d-Direttur tar-Radju Lauretana u d-DJs futuri Larry Debono, Sergio Mallia u Joseph Mizzi*



## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Il-Kappillan Dun Nazju Borg jidher ħdejn il-ħuġġieġa, fil-Pjazza ta' San Lawrenz.*

# Ser jitfakkar l-1750 sena mill-Martirju ta' San Lawrenz

Nhar it-Tlieta l-ewwel jum tas-sena 2008, il-parroċċa ta' San Lawrenz Għawdex, f'ċerimonja fir-raħal, tat bidu għal sena speċjali sabiex tfakkar l-1750 mill-martirju ta' San Lawrenz.

Iċ-ċerimonja bdiet b'korteo ta' Lawrenzjani li telqu minn erba' postijiet differenti fir-raħal. Il-pellegrini, sakemm waslu fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem ħuġġieġa kbira, kantaw il-litanija tal-Qaddisin.

Wara talba mill-Kappillan Dun Nazju Borg, il-Lawrenzjani, tefgħu injam f'din il-ħuġġieġa. Dan il-ġest sar bħala turija ta' l-impenn li permezz ta' dawn il-festi l-komunità ta' San Lawrenz trid li tkompli tħeġġeġ il-fjamma tal-fidi li ġiet mgħoddija lilha mingħand missirijietha.

Wara, minn dan in-nar, il-Kappillan Dun Nazju Borġ xegħel il-fjamma żgħira li ser tkompli tixgħel quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz għal matul is-sena kollha.

Waqt l-omelija tiegħu, il-kappillan Borg, ħeġġeġ lill-ġemgħa sabiex din is-sena tkun tassew sena speċjali għal raħalhom u sabiex kulħadd iħossu parti mill-parroċċa. Il-Kappillan imbagħad għadda sabiex elenka wkoll il-punti prinċipali tal-programm għal din is-sena, fosthom dik li l-parroċċa ta' San Lawrenz tkun parroċċa bil-fardal u taqdi lill-proxxmu kif kien jagħmel San Lawrenz.

Waqt il-quddiesa ġie inawgurat ukoll il-logo li ser jakkumpanja lill-parroċċa matul din is-sena.

Fl-aħħar tal-Quddiesa, il-Kappillan Dun Nazju Borg, f'isem il-parroċċa, flimkien mas-Sindku ta' din il-Lokalità, Noel Formosa, f'isem r-raħal, poġġew quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz, il-fjamma flimkien ma' bukkett ward.

Café VALLETTA
Licenced Restaurant
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
Trading: 6.30am to 4.00pm
Monday to Friday except Public Holidays
In response to numerous requests, Café Valletta will be trading on Saturdays 8.00am to 2.30pm featuring a Maltese Specials Menu as from Saturday 26th January 2008.
Booking is recommended.
Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page